StudentBounty.com

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2009

Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-Ewwel Sena** **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN: Siegħa u Nofs**

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ____________

**Taqsima A**

**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin billi tagħżel il-frażi li taħseb hija tajba:**

1. X'inhi l-familja?
   a. il-grupp l-aktar bażiku ta' bnedmin
   b. grupp ta' nies li jaħdmu flimkien
   c. grupp ta' bnedmin li jiftiehmu bejniehom dwar xi biċċa xogħol. (3 marki)

2. Xi tfisser il-frażi *ġenituri sħab fid-drittijiet u responsabbiltajiet familjari*?
   a. ġenituri li ma jafux x'iridu jagħmlu għal uliedhom
   b. ġenituri li joħorġu lil uliedhom dawra sabiħa
   c. ġenituri li jaqsmu x-xogħol tal-familja bejniethom indaqs. (3 marki)

3. X'inhi edukazzjoni informali?
   a. dak kollu li nitgħallmu mill-iskola
   b. dak kollu li nitgħallmu f'kull waqt ta' ħajjitna minn ħbieb, familja, għaqdiet, eċċ
   c. l-eżamijiet tal-aħħar tas-sena (3 marki)

4. Dawn li ġejjin huma importanti fl-edukazzjoni formali tagħna:
   a. l-għalliema
   b. il-ħbieb
   c. il-kollegi tax-xogħol. (3 marki)

5. Persuna li ma taqbilx ma' dak li ngħid jien
   a. ma jistax ikun ħabib tiegħi
   b. huwa parti mill-edukazzjoni informali tagħna
   c. huwa parti mill-edukazzjoni formali tagħna. (3 marki)

**Total: 15-il marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima B**

**Wieġeb għall-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin:**

1. X'ifisser għalik l-Istudji Soċjali? (2 marki)

2. Interazzjoni soċjali tfisser kif il-bnedmin jgħixu ma' xulxin fis-soċjetà tagħhom. Veru/Falz (2 marki)

3. Xi tfisser *aġent tas-soċjalizzazzjoni primarja*? (2 marki)

4. Il-familja għandha żewġ funzjonijiet fis-soċjetà. Liema huma dawn? (2 marki)

5. Semmi **ŻEWĠ** karatteristiċi ewlenin ta' familja simetrika. (2 marki)

6. X'inhu *peer group*? (2 marki)

7. Semmi **ŻEWĠ** funzjonijiet li l-edukazzjoni għandha fil-ħajja tagħna. (2 marki)

8. X'inhi d-differenza bejn dmir u dritt? (2 marki)

9. Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' ambjent demokratiku. (2 marki)

10. Agħti **ŻEWĠ** eżempji ta' passatempi. (2 marki)

**TOTAL: 20 marka**

**Taqsima Ċ**

**Aqra din is-silta li ġejja u wara wieġeb għal mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu:**

*Ir-raħal Malti huwa ġawhra ta' storja, kultura u ħajja. Ħafna mill-irħula Maltin għandhom storja li tmur lura għal mijiet jekk mhux għal eluf sħaħ ta' snin. Uħud mill-fdalijiet li nstabu f'ċerti rħula ta' pajjiżna jmorru lura saħansitra sal-iktar żminijiet bikrija tal-bniedem f'dawn il-gżejjer. Imbagħad irridu nsemmu l-knejjes, kappelli, palazzi u djar antiki. U għaliex le … xi razzett 'l hemm u 'l hawn ma jonqosx ukoll! Il-ħajja fir-raħal hija attiva ħafna: ħwienet, każini, festi, għaqdiet reliġjużi u sportivi, u ħafna oħrajn. It-toroq dojoq u mserrpa kif ukoll l-għelieqi tal-madwar żgur li jagħmlu r-raħal Malti tassew uniku.*

**Mistoqsijiet**

1 Semmi **ŻEWĠ** tradizzjonijiet li għadna nsibu f'bosta rħula Maltin illum. (4 marki)

2. Permezz ta' **ŻEWĠ** eżempji, spjega kif bħala ċittadin Malti inti tista' tgħin biex l-ambjent naturali u storiku tar-raħal tiegħek jinżamm fi stat tajjeb. (4 marki)

3. Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet għaliex huwa importanti li fl-irħula tagħna jkun hemm xi ftit żoni ħodor. (4 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

4. X'ifisser għalik il-fatt li f'ħafna rħula Maltin u Għawdxin wieħed isib ħafna knejjes u kappelli? (4 marki)

5. Semmi **ŻEWĠ** vantaġġi li wieħed ikun membru ta' xi għadqa fir-raħal tiegħu. (4 marki)

**Total: 20 marka**

**Taqsima D**

**Aqra dawn is-siltiet qosra li ġejjin u wara agħti l-opinjoni tiegħek dwar x'kont tagħmel kieku sibt ruħek f'dik is-sitwazzjoni. Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA. Kull tweġiba m'għandhiex tkun inqas minn 20 kelma.**

1. Mort f'pajjiż fejn ħadd ma jitkellem bil-lingwa tiegħek. In-nies ta' dan il-pajjiż ma tantx iħobbu jieqfu jitkellmu miegħek. Għandek bżonn tgħix u tixtri xi affarijiet biex tgħix bihom, bħall-ikel, u għandek bżonn issib x'imkien fejn toqgħod. X'tagħmel biex tibni relazzjoni ma' dawn in-nies u biex jifhmuk xi ftit? X'affarijiet jista' jkollok bżonn biex tikkomunika magħhom? (5 marki)

2. Għandek ħabib/a għal qalbek. F'daqqa waħda inqalgħet kwistjoni u kellek xi tgħid miegħu/magħha. Għal xi żmien dan il-ħabib ma jkunx irid jirranġa miegħek, allavolja tipprova titolbu skuża. Għid kieku inti x'tagħmel biex jirnexxilek tirbaħ lura l-ħbiberija ta' dan il-ħabib/a. Xi jfisser għalik li jkollok ħabib? (5 marki)

3. Iddeċidejt li ssir membru ta' għaqda impenjata li tieħu ħsieb l-aspett kulturali tar-raħal tiegħek. Tixtieq tieħu sehem fl-attivitajiet li torganizza din l-għaqda. Tattendi għal-laqgħat kollha li jsiru. Kif inti tista' tgħin biex din l-għaqda tiżviluppa? U x'taħseb li tista' tagħmel bħala membru f'din l-għaqda biex l-ambjent kulturali tar-raħal tiegħek ikun ferm isbaħ? (5 marki)

**Total: 15-il marka**

**Taqsima E**

**Ikteb paragrafu ta' madwar 50 kelma fuq dawn li ġejjin:**

a. L-importanza tal-iskola għall-ħajja tagħna. (10 marki)
b. L-importanza li fis-soċjetà kulħadd ikollu drittijiet u dmirijiet. (10 marki)
c. Ir-rwol tal-anzjani fil-familja tagħna llum. (10 marki)

**Total: 30 marka**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers